MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 12/2001/1

**Rikors numru 12/2001**

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Philip u Georgina Grima, Carmel u Mary Cushcieri**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 21 ta' Marzu 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Ta' Zuta limiti ta' Siggiewi li tikkonsisti f'barriera tal-qawwi - tal-kejl ta' madwar 9,064.9 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' Triq pubblika, mill-Majjistral, mil-Lbic u mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-Gvern

huwa ta' tanx-il elf lira Maltin (Lm12,000) kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V. Sutton A&C.E tas-7 t'Ottubru, 1999 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim;

Illi b'ittra ufficjali tat-2 t'April, 2001 l-intimati fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20.000) .

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi l-kumpens offert mir-rikorrenti ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Ta' Zetu limiti tas-Siggiewi li tikkonsisti f'barriera tal-qawwi - tal-kejl ta' madwar 9,064.9 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' Triq pubblika, mill-Majjistral, mil-Lbic u mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-Gvern, mhuwuex gust stante li huwa baxx hafna mehud in konsiderazzjoni l-posizzjoni ta' l-immobbli de quo, z-zminijiet prezenti u l-prezzijiet tal-lum;

Illi l-esponenti kisbu stima minghand il-Perit Albert Fenech li qeghda tigi hawn annessa bhala Dok X li turi l-valur gust u reali tal-immobbli mertu ta' dan ir-rikors huwa wiehed u ghoxrin elf u sitt mitt lira Maltin (Lm21,600) u mhux dak indikat mir-rikorrent;

Illi l-valur gust ghandu jkun skond il-prezzijiet tal-lum;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiehu l-kunsiderazzjoni l-fatturi fuq indikati biex jistabilixxi l-valur gust ta' fuq is-suq ta' l-immobbli fuq indikata.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-intimati esebew certifikat mahrug mill-perit arkittett minnhom inkarigat fejn jikkontendi illi din l-art ghandha valur ta' Lm21,600. Il-perit arkitett inkarigat mir-rikorrenti invece stmat il-fond bil-valur ta' Lm12,000;

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-perit arkitett Frederick H Valentino u l-perit arkitett Joseph Mizzi li pprezentaw ir-relazzjoni taghhom datata 10 ta'Settembru 2008 u li qed tkun annessa bhala formanti parti minn din is-sentenza . Fil-parti konklussiva ta' din ir-relazzjoni l-membri teknici jissottomettu illi:

Wara li ahna ezaminajna d-disposizzjonijiet tax-xhieda kemm mill-parti teknika u kemm mill-partijiet fil-kors ta' l-istess kawza;

Wara li hadna in konsiderazzjoni ta' l-orjentazzjoni fisika, il-konsistenza attwali w il-potentialita' ta' l-istess art esproprijanda bhala barriera ghaz-zrar tal-qawwi kif indika l-perit ta' l-istess intimat fir-relazzjoni tieghu;

Minn kalkoli li huma ghamlu jidhrilhom illi l-valur attwali ta' l-art esproprijanda ta' cirka 8T.0S.7.68K jew 9064.9 metri kwadri hija tas-somma ta' ghoxrin elf liri maltin libera u franka (Lm20,000.00 freehold) ekwivalenti ghal Euros 46,587.47.

Illi ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 88, meta l-membri teknici tal-Bord ikunu unanimi fl-istima taghhom, l-Bord ghandu joqghod fuq din il-kwantifikazzjoni u ghalhekk il-

Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut l-bicca art f'Ta' Zuta limiti ta' Siggiewi li tikkonsisti f'barriera tal-qawwi - tal-kejl ta' madwar 9,064.9 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' Triq pubblika, mill-Majjistral, mil-Lbic u mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-Gvern bil-kumpens ta' sitta u erbghin elf hames mija seba u tmenin euro u seba u erbghin centezmu (Euros 46,587.47) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimati.  Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-20 ta' Mejju, 2009 fis-2.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------